

II

(*Atti mhux leġiżlattivi*)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1901

tas-6 ta' Ottubru 2022

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1352/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1)tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1352/2014.
- (2) Fis-26 ta' Settembru 2022, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2140 (2014) żiedżewg persuni għal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi..
- (3) Jentieġ għalhekk li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

¹) ĠU L 365, 19.12.2014, p. 60.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BEK

ANNESS

L-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt is-subintestatura "A. Persuni" mal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 ("Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 1a u 2"):

"10. Mansur Al-Sa'adi

Kitba oriġinali: **منصور السعادي**

Deżinjazzjoni: Maġġur Ġeneral, Kmandant tal-Houthi tal-Forzi Naval u tad-Difiża Kostali tal-Jemen **Data tat-tweliż:** 1988 **Post tat-tweliż:** Jemen **Pseudonimu affidabbi:** mhux disponibbli **Pseudonimu inqas affidabbi:** a) Mansoor Ahmed Al Saadi b) Mansur Ahmad al-Sa'adi c) Abu Sajjad **Nazzjonali:** Jemen **Nru tal-Passaport:** mhux disponibbli **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** Jemen **Elenkat:** 26 ta' Settembru 2022 **Informazzjoni oħra:** Il-Kap tal-Persunal tal-Forzi Naval tal-Houthi, li kien il-moħħ wara l-attakki letali kontra t-tbähħir internazzjonali fil-Baħar l-Aħmar, għandu rwol ewljeni fl-isforzi naval tal-Houthi li jheddu direttament il-paċi, is-sigurtà, u l-istabbiltà tal-Jemen. Deskrizzjoni Fiżika: Kulur tal-Ġajnejn: Kannella; Xagħar: Kannella. Link web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: <https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individual>

Informazzjoni addizzjonali mit-taqṣira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovdu ta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Skont it-taqṣima 5(h) tal-Linji Gwida tiegħu, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 2140 jaġħmel aċċessibbli taqṣira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ta' individwi, gruppji, impriżi u entitajiet inklużi fil-lista tas-sanzjonijiet tiegħu.

Data li fiha t-taqṣira narrattiva saret disponibbli fuq is-sit web tal-Kumitat: 26 ta' Settembru 2022

Mansur Al-Sa'adi ġie elenkat fis-26 ta' Settembru 2022 skont il-paragrafi 11 u 15 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014), bħala li jissodisfa l-kriterji ta' deżinjazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 17 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014), inkluż kif elaborat mill-paragrafu 19 tar-riżoluzzjoni 2216 (2015).

Mansur Al-Sa'adi involva ruħu fatti u pprovda appoġġ għal atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen, inkluż ksur tal-embargo mmirat fuq l-armi.

Informazzjoni addizzjonali:

Al-Sa'adi huwa elenkat għall-involviment tiegħi fil-kampanji naval tal-Houthi u t-tmexxija tagħhom li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen u b'hekk jissodisfa l-kriterji għad-deżinjazzjoni kif stabbiliti fil-Paragrafu 17 tar-Riżoluzzjoni 2140 (2014). Filwaqt li serva bħala l-Kap tal-Persunal tal-Forzi Naval tal-Houthi, Al-Sa'adi kien il-moħħ wara l-attakki letali kontra bastimenti tat-tbähħir internazzjonali fil-Baħar l-Aħmar. Il-Forzi Naval tal-Houthi ripetutament xerru l-mini naval, li kif enfasizzat mill-organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, huma ta' riskju għall-bastimenti kummerċjali, tas-sajd u tal-ghajjnuna umanitarja. Al-Sa'adi għen ukoll fil-kunrabandu ta' armi lejn Houthis fil-Jemen bi ksur tal-embargo mmirat fuq l-armi kif stabbilit fil-paragrafu 14 tar-riżoluzzjoni 2216 (2015).

Verifika tar-rwol militari attiv:

- Al-Sharea News (Għarbi) - "The Masterminds of the Houthi Attacks" (L-Imħu wara l-Attakki tal-Houthi) (<https://alshareaenews.com/2021/03/08/54527/>) [Aċċessat fil-11/02/22]
 - (1) ("Mansour Al-Saadi u Ahmed Al-Hamzi, żewġ karattri misterjużi fil-forza tal-ajru u l-flotta naval tal-Houthi, kellhom rwol kruċjali fil-gwerra fil-Jemen, u estendew l-influenza tagħha għat-theddid tal-artijiet Sawdin u s-sigurtà tal-Baħar l-Aħmar.")
 ("Al-Saadi jinħeba wara l-laqam "Abu Sajjad," u huwa magħruf bħala l-Emir tal-Baħar l-Aħmar u huwa primarjament responsabbli għat-tfassil mill-ġdid ta' forza ta' difiża naval u kostali li l-miż-żon tagħha qed tfixkel il-bastimenti tal-gwerra tal-koalizzjoni u tirrikatta l-komunità internazzjonali billi thedded il-korsiji tat-tbähħir.")
- Yemeni News Agency (SABA) (Għarbi) - "Qahim, Al-Mushki and Berry were briefed on the damages of the aggression in the districts of Al-Hodeidah" (Qahim, Al-Mushki u Berry ingħataw informazzjoni dwar id-danni tal-aggressjoni fid-distretti ta' Al-Hodeidah) (<https://www.saba.ye/ar/news3174373.htm>) [Aċċessat fil-11/02/22]
 ("Ġew infurmati wkoll, flimkien mal-membri tat-tim nazzjonali, il-Maġġur Ġeneral Mansour al-Saadi u l-Maġġur Ġeneral Muhammad al-Qadri, dwar il-firxa tal-qedha kkawżata fuq id-djar taċ-ċittadini, l-iskejjej, l-isptarijiet u l-binjet tal-gvern fil-belt ta' al-Durayhimi. Id-distrett ta' Al-Jah fid-distrett ta' Bait Al-Faqih.")

- Asharq al-Awsat (Ingliż) - “Death of Senior Commanders Leaves Houthis in Disarray” (Il-mewt ta’ Kmandanti Anzjani jħalli l-Houthis Imħarbta) (<https://english.aawsat.com/home/article/1246521/death-senior-commanders-leaves-houthis-disarray>) [Aċċessat fil-11/02/22]

(L-Artikolu jidentifika lil al-Saadi bħala “mexxej għoli”, iżda sostna b'mod żbaljat li kien inqatel. Jiddikjara li al-Saadi huwa responsabbi għas-sorveljanza tal-kuntrabandu tal-armi tul il-kosta tal-Jemen.)
- 26 ta’ Settembru Aħbarijiet (Għarbi) - “The Navy Celebrates the Revolution of September 21” (Il-Forza Naval ta’ tieċċelebra r-Rivoluzzjoni tal-21 ta’ Settembru) (<https://www.26sep.net/index.php/newspaper/26topstory/24381-21-8>) [Aċċessat fil-11/02/22]

“Il-Kap tal-Persunal tal-Forzi Naval, il-Maġġur General Mansour Al Saadi, attenda l-avveniment.”

11. Motlaq Amer Al-Marrani

Kitba oriġinali: مطلق عامر المراني

Deżejnjazzjoni: (Eks) Viċi Kap tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Houthi (NSB) (aż-żejt tal-intelligence) **Data tat-Twelid:** 1 ta’ Jannar 1984 **Post tat-Twelid:** Al-Jawf, Jemen **Psewdonimu affidabbli:** a) Mutlaq Ali Aamer Al Marrani b) Abu Emad **Psewdonimu inqas affidabbli:** mhux disponibbli **Nazzjonali:** Jemen **Nru tal-Passaport:** mhux disponibbli **Nru ta’ identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** Jemen **Elenkat:** 26 ta’ Settembru 2022 **Informazzjoni oħra:** Eks Viċi Kap tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Houthi (NSB), issorvelja d-detenuți tal-NSB li kienu soġġetti għal tortura u trattament ħażin ieħor waqt li kienu detenuti, ippjana u ordna arresti u detenzjoni illegali ta’ ħaddiem u manħi u d-devjazzjoni illegali ta’ assistenza umanitarja bi ksor tad-dritt umanitarju internazzjonali. Deskriżżoni Fiżika: Kulur tal-Għajnejn: Kannella; Xagħar: Kannella. Link web tal-Avviż Speċjalist tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: <https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individual>

Informazzjoni addizzjonali mit-taqṣira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Skont it-taqṣima 5(h) tal-Linji Gwida tiegħu, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 2140 jaġħmel aċċessibbli taqṣira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ta’ individwi, gruppi, impriżi u entitajiet inklużi fil-lista tas-sanzjonijiet tiegħu.

Data li fiha t-taqṣira narrattiva saret disponibbli fuq is-sit web tal-Kumitat: 26 ta’ Settembru 2022.

Motlaq Amer Al-Marrani ġie elenkat fis-26 ta’ Settembru 2022 skont il-paragrafi 11 u 15 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014), bħala li jissodisa l-kriterji ta’ deżejnjazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 17 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014), inkluż kif elaborat mill-paragrafu 19 tar-riżoluzzjoni 2216 (2015), kif ukoll il-paragrafu 18(c) tar-riżoluzzjoni 2140.

Motlaq Amer Al-Marrani involva ruħu fatti li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen, inkluż ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali applikabbli u abbuż-żgħad id-dritt u b'hekk jissodisa l-kriterji għad-deżejnjazzjoni kif stabbiliti fil-Paragrafu 17 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014), kif elaborat aktar mill-paragrafu 19 tar-riżoluzzjoni 2216 (2015), kif ukoll il-paragrafu 18(c) tar-riżoluzzjoni 2140.

Informazzjoni addizzjonali:

Al-Marrani huwa elenkat għall-organizzazzjoni ta’ atti illegali ta’ tortura u detenzjoni li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Jemen, inkluż atti li jiksru d-dritt umanitarju internazzjonali applikabbli u li rriżultaw fl-ostakolar tal-aċċess għall-assistenza umanitarja fil-Jemen, u b'hekk jissodisa l-kriterji għad-deżejnjazzjoni kif stabbiliti fil-Paragrafu 17 tar-riżoluzzjoni 2140 (2014), kif elaborat aktar mill-paragrafu 19 tar-riżoluzzjoni 2216 (2015), kif ukoll il-paragrafu 18(c) tar-riżoluzzjoni 2140.

Bħala Viċi Kap tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Houthi (NSB), Al-Marrani mexxa l-arrest, id-detenzjoni, u t-trattament ħażin ta’ ħaddiem umanitarji u oħrajn li jaħdmu fl-assistenza umanitarja u nstab ukoll li abbuż-za mill-awtorità u l-influwenza tiegħu fuq l-aċċess umanitarju bħala ingranaġġ biex jiġi genera profitt personali. Il-Bord ta’ Esperti dwar il-Jemen iddokumenta dawn l-attivitajiet fir-Rapport Finali tiegħu tal-2018 (ara S/2018/594, paragrafu 193).

Kif iddokumentat ulterjorment mill-Bord ta’ Esperti dwar il-Jemen, Al-Marrani ssorvelja d-detenuți tal-NSB, li allegatament kienu soġġetti għal tortura u trattament ħażin ieħor matul id-detenzjoni tagħhom. Huwa organizza wkoll l-estorsjoni, l-intimidazzjoni, u l-arrest illegali ta’ maniġers ta’ kumpanniji u diretturi tal-banek, b'theddid li jakkużahom b'kollaborazzjoni u spjunaġġ għall-għadu sakemm ma kkonformawx mal-ordnijiet ta’ kustodju ġudizzjaru.

Verifika tar-rwol fl-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem:

- Rapport ta' Human Rights Watch (Ingliż) – “Yemen: Houthi Hostage Taking” (Jemen:Teħid ta' Ostaġġi fil-Houthi) (<https://www.hrw.org/news/2018/09/25/yemen-houthi-hostage-taking#>) [Aċċessat fil-11/02/22]
 - (2)
- Al Ain News (Għarbi) - “Amer Al-Marrani..Man of the “black missions” of the Houthis” (Amer Al-Marrani..Ir-raqel tal-“missionijiet suwed” tal-Houthis) (<https://al-ain.com/article/amer-marani-yemen>) [Aċċessat fil-11/02/22]

(“Għar-raba’ wieħed mill-aħwa, Mutlaq Al-Marrani jingħata l-grad ta’ brigadier ġenerali u l-laqam Abu Emad mill-milizzja tal-Houthi. L-attivitajiet terroristiċi tiegħu saru sors ta’ tħassib internazzjonali, peress li huwa wieħed mill-aktar mexxejja perikolużi tas-servizz tal-intelligence involut fil-ksur flagrant ta’ ħajjet il-Jemeniti.”)
- Al Marjie (Għarbi) - “Abu Imad Al-Marani: A Houthi leader responsible for recruiting women and looting relief funds” (Abu Imad Al-Marani: Mexxej Houthi responsabbi għar-reklutaġġ tan-nisa u għas-sakkeġġ ta’ fondi ta’ sokkors) (<https://www.almarjie-paris.com/15182>) [Aċċessat fil-11/02/22]

(“Hija kkonfermat ukoll li kien responsabbi għar-reklutaġġ ta’ nisa żgħażaqgħ u biex iheġġi għom jaħdmu mal-Houthis, u żiedet tħid li kien qed “Iġegħelhom jagħmlu filmati oxxeni sabiex ipoġġi pressjoni fuqhom u jirrikattahom aktar tard, u wara jassenjahom.” Billi arresta lill-impiegati u lill-uffiċċali ta’ ċerti organizzazzjonijiet, huwa mbagħad seta’ jimponi ċerti kundizzjonijiet iktar tard fuq dawk l-organizzazzjonijiet. Hija żvelat li Al-Marrani rreklutat għexieren ta’ bniet, filwaqt li ħa vantaqgħ mill-ħtieġa tagħhom għall-flus, u bagħathom biex iħajru lill-avversari tiegħu.”)
- Al Arabiya (Għarbi) - “Terrifying’ details about Houthi leaders affected by US sanctions” (Dettalji terribbli dwar il-mexxejja tal-Houthi affettwati mis-sanzjonijiet tal-Istati Uniti) **تفاصيل مروعة عن قيادات حوثية طالتها عقوبات أميركية** (alarabiya.net) [Aċċessat fil-11/02/22]

(“Al-Marrani kien involut ukoll f'reati ta’ ksur serju u tortura ta’ dawk li nħatfu, inkluż dak li l-attivista u l-eks detenuta Jemenita, Samira AL-HOURI, żvelat dwar reati morali u finanzjarji u r-rwol tiegħu biex iħajjar personalitajiet politiċi u tribali, filwaqt li enfasizzat li ħa fidejha il-fajl tar-reklutaġġ ta’ bniet biex jispjuna fuq l-attivitajiet ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali u persunal tan-Nazzjonijiet Uniti. Barra minn hekk, huwa rrappurtat li jimponi royalties fuq dawn l-organizzazzjonijiet, u jikkondivid somom kbar ta’ miljuni ta’ dollari ma’ xi wħud mill-impiegati tagħhom li saru jibżgħu mill-brutalità u t-theddiid tiegħu.”)
- Al-Mashhad al-Araby (Għarbi) - “Blackmailing the Houthis on relief organizations: What did the militias do?” (Ir-rikatt tal-Houthi dwar l-organizzazzjonijiet ta’ għajnejha: X’għamlu l-milizzji?) (<https://almashhadalaraby.com/news/133104>) [Aċċessat fil-11/02/22]

Stqarrijiet għall-istampa dwar bidliet fil-Lista tas-Sanzjonijiet tal-Kumitat jinsabu fit-taqSIMA “Stqarrijiet għall-Istampa” fuq is-sit web tal-Kumitat fil-URL li ġej: <https://www.un.org/securitycouncil/sanctions/2140/press-releases>

Il-verżjoni aġġornata tal-Lista tas-Sanzjonijiet tal-Kumitat, disponibbli fil-format HTML, PDF u XML, tinsab fil-URL li ġej: <https://www.un.org/securitycouncil/sanctions/2140/materials>
- **Il-Lista Konsolidata tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti** hija aġġornata wkoll wara l-bidliet kollha li saru fil-Lista tas-Sanzjonijiet tal-Kumitat u hija aċċessibbi mill-URL li ġej: <https://www.un.org/securitycouncil/content/un-sc-consolidated-list>